MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 6/2009

**Grace Gatt**

**vs**

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kotituzzjonali tar-rikorrenti Grace Gatt.

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Prim Ministru.

Rat ir-risposta tal-intimati Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2002 minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ddikjarat li ser titlob lir-rappresentanti tal-Kummissjoni intimata u tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jesibixxu l-files kollha fil-pussess taghhom rigwardanti r-rikorrenti. Jirrizulta li ghal din id-dikjarazzjoni l-intimat Kummissarju tal-Pulizija oggezzjona li tigi esibita kopja tal-imsemmi file billi li l-istess file ghandu jigi konsidrat bhala “exempt document” taht l-artikolu 637 tal-Kap.12.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2009 fejn ir-rikorrenti ddikjarat li ghas-seduta li kien imiss hi ser tharrek ir-rappresentant tal-Kummissjoni intimata sabiex jigu presentati l-files relattivi ghal dan il-process tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-19 ta’ Ottubru 2009 fejn ir-rikorrenti ddikjarat li ser tharrek biex jixhdu l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kummissarju ghas-Servizz Pubbliku sabiex jipprducu l-atti processwali tal-proceduri kontra r-rikorrenti li saru quddiem il-Bord tal-Pulizija u quddiem il-Kummissjoni intimata.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta’ Paul Sammut, is-segretarju tal-Kummissjoni intimata. Dan ix-xhud fil-kors tad-deposizzjoni tieghu ghamel referenza ghall-artikolu 10 tar-Regolamenti li jirrigwardaw l-istess Kummissjomi intimata. Dan l-artikolu jipprovdi li l-ebda membru tal-istess Kummissjoni jew is-segretarju taghha ma jistghu jizvelaw il-kontenut ta dokumenti, komunikazzjonijiet jew informazzjoni li gew a konjizzjoni taghhom fil-kors tal-esekuzzjoni tad-doveri taghhom u dana taht piena li jittiehdu proceduri dixxiplinari kontra minn jizvela.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Novembru 2009 fejn ir-rikorrenti ddikjarat li ser titlob bil-miktub awtorizzazzjoni mill-Prim Ministru sabiex ikunu jistghu jingiebu d-dokumenti relattivi ghall-process li ghaddit minnu r-

rikorrenti quddiem il-Kummissjoni intimata u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2010 minn fejn jirrizulta li l-Qorti gie infurmata li r-rikorrenti tablet l-awtorizzazzjoni indikata fl-imsemmi verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2009 pero' kull ma rceviet mill-Ufficju tal-Prim Ministru kien "acknowledgement."

Rat ir-rikors tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija tat-18 ta' Marzu 2010 fejn gie premess:-

Illi huwa gie notifikat b'tahrika ta' xhud sabex jidher fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2010 u jgib mieghu numru ta' dokumenti kif imfisser aktar l-isfel f' dan ir-rikors.

Illi huwa qed jopponi ghat-talba kif kontenuta fit-tahrika ta' xhud fejn l-istess rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-esponent li jipproduci s-segwenti:

"Biex igib mieghu l-files relattivi ghall-incident illi kellhom il-Pulizija segwenti, jghid x'passi ttiehdu kontra taghhom, jekk tkeccewx mill-Korp tal-Pulizija u x' kienet il-kundanna taghhom fil-Qorti.  Il-persuni huma is-Surgent David Sant, ex PC Jean Abdilla, ex PC Brinact li kien ingahta l-opportunita li jirrezenja u jiehu s-somma.

Biex jixhed ukoll dwar id-dikjarazzjoni illi saret mill-CMRU skond kif raportata fil-Gens tal-20 ta' Ottubru, 2007 illi sa dik id-data ma kienet mehtiega l-ebda licenzja ghal private investigators.  Il-kaz tal-pulizija Adrian Lia kif deher fil-gurnal tas-7 ta' Mejju, 2008 (Malta Today).

Biex igib mieghu fotokopja tad-dokumenti u l-proceduri illi saru quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija fil-proceduri dixxiplinari kontra Grace Gatt."

Illi t-talba tar-rikorrenti m'gahndhiex tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet segwenti:

Illi r-rikorrenti kienet tkecciet mill-Korp tal-Pulizija minhabba li kienet instabet hatja li hadmet agenzija ta' gwardjani privati bi ksur tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta; li hadmet minghajr licenzja ta' gwardjana privata bi ksur tal-Kap.389 filwaqt li kienet ufficjal jew impjegat pubbliku ghamlet reati li kellha tissorvelja sabiex ma jsirux; illi meta kienet ufficjal jew impjegat pubbliku ippromoviet gbir li minhabba f'hekk sar gbir li ma kienx awtorizzat skond il-ligi bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap.279 liema reat kellha timpedixxi milli isir bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap.9, apparti diversi provvedimenti dixxiplinari minhabba disubedienza u nuqqas ta' subordinazzjoni.

Illi ghalhekk tista' tigi kontemplata l-ipotezi ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti jekk jigi pruvat illi hija haga normali li persuni li jikkommettu t-tip ta' reati u infrazzjonijiet dixxiplinari li kkommettiet ir-rikorrenti jibqghu fil-Korp.

Illi jidher mit-tahrika li r-rikorrenti qed tindika kull persuna fil-Korp li seta possibilment ikkommetta xi reat jew xi irregolarita u iggib dan bhala prova f'din il-kawza bl-iskop pero ikun li semplicement timbarazza u tivvessa lil dawn il-persuni u tivvjola d-dritt taghhom ghall-privatezza minghajr ma dik il-prova qatt tista' tkun rilevanti biex jigi pruvat li twettqet xi diskriminazzjoni mar-rikorrenti.

Illi fl-umli fehma ta' l-esponent dan l-agir da parti tar-rikorrenti jikkostitwixxi abbuz tal-process gudizzjarju velat bhala asserzzjoni ta' drittijiet fondamentali izda huwa car illi mhux dak kollu li huwa velat bhala asserzjoni ta' dritt fondamentali ghandu jigi permess anke jekk ikun abbuziv.

Ghalhekk l-intimat Kummissarju tal-Pulizija talab li jigi varjat id-dikriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 2010 relattiv ghat-tahrika ta' xhieda tal-5 ta' Marzu 2010 billi jigi ordnat li l-informazzjoni personali dwar il-fedini penali jew infrazzjonijiet jew irregolarijiet dixxiplinari ta' terzi li m'humiex fil-kawza ghandha tinghata biss jekk tirrelata ma reati li huma l-istess jew simili ghal dawk li minhabba fihom ir-rikorrenti tkecciet mill-Korp tal-Pulizija.

Semghet ir-risposta orali tar-rikorrenti ghall-imsemmi rikors tal-ijtimat Kummissarju tal-Pulizija fejn gie sottomess li x-xhieda in kwestjoni hi mehtiega u ndispensabbli biex tigi ppruvata d-diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti li hi in effett wahda mill-kawzali fir-rikors promoter u inoltre li dan ir-rikors huwa rritwali ghaliex il-Qorti kienet diga ddecidiet t-tahrika.

Rat l-atti u d-dokumenti esibiti li huma rilevanti ghall-finijiet tal-presenti sentenza

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza t-talba kif kontenuta fl-imsemmi rikors tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

Jigi precizat li hu minnu li l-Qorti akkordat it-talba kif kontenut fit-tahrika ta’ xhieda in kwestjoni tal-5 ta’ Marzu 2010. Dan il-fatt pero’zgur li ma jrendix ir-rikors in kwestjoni rritwali stante li l-Qorti tista dejjem tirrevoka jew tvarja dikriet taghha stess “contrario imperio” kif del resto qed jitlob li l-Qorti taghmel l-intimat Kummissarju tal-Pulizija. Difatti l-intimat Kummissarju tal-Pulizija permezz tar-rikors in kwetjoni cioe’ dak tat-18 ta’ Marzu 2010 appuntu qed jitlob li jigi varjat id-dikriet in kwestjoni tad-9 ta’ Marzu 2010 relattiv ghat-tahrika ta’ xhud tal-5 ta’ Marzu 2010 billi jigi dikjarat li informazzjoni personali dwar il-fedini penali jew infrazzjonijiet jew irregolarijiet dixxiplinari ta’ terzi li m’humiex fil-kawza ghandha tinghata biss jekk tirrelata ma reati li huma l-istess jew simili ghal dawk li minhabba fihom ir-rikorrenti tkecciet mill-Korp tal-Pulizija.

L-intimat Kummissarju tasl-Pulizija fl-istess rikors ippremetta li huwa jopponi t-talba tar-rikorrenti biex jigu prodotti “files” relattivi ghal varji membri tal-Korp tal-Pulizija, li effettivament huma terzi ghar-rigward tal-presenti proceduri, dwar xi incidenti li dawn kellhom u biex jinghad x’passi ttiehdu kontra dawn it-terzi minhabbal-imsemmija incidenti, jekk dawn tkeccewx mill-Korp tal-

Pulizija u x'kienet il-kundanna taghhom fil-Qorti. Dawn l-ufficjali tal-pulizija gew nominati b'isimhom fit-tahrika u cioe' s-Surgent David Sant, ex PC Jean Abdilla, ex PC Brinact li, skond it-tahrika kien ingahta l-opportunita li jirrezenja u jiehu s-somma. L-intimat Kummissarju tal-Pulizija jopponi ukoll li tinghta xhieda dwar li sa qabel data specifika ma kienet mehtiega l-ebda licenzja ghal "private investigators." Qed jopponi ukoll li jigu presentati fotokopji tad-dokumenti u tal-proceduri li saru quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija fil-proceduri dixxiplinari kontra r-rikorrenti.

L-istess intimat jippremetti dejjem fir-rikors in kwestjoni li r-rikorrenti kienet tkecciet mill-Korp tal-Pulizija minhabba li kienet instabet hatja ta' xi reati fosthom li illegalment u irregolarment iggestiet agenzija ta' gwardjani privati u li ppromoviet gbir ta' fondi mhux awtorizzat skond il-ligi. Instbet hatja ukoll ta diversi infrazzjonijiet dixxiplinari bhal disubedienza u nuqqas ta' subordinazzjoni. Skond l-intimat Kummissarju tal-Pulizija tista tesisti l-ipotezi ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti jekk jigi pruvat li hi n-normalita' tal-affarijiet li jekk ufficjali fil-korp tal-Pulizija li kkommettew l-istess tip ta' reati u infrazzjonijiet dixxiplinari li r-rikorrenti nstabet li kkommettiet effettivament jibqghu fil-Korp. Skond l-istess intimat l-iskop tar-rikorrenti li tipproduci l-imsemmija terzi hu biss wiehed cioe' biex dawn it-terzi jigu imbarazzati u vessati u ukoll b'hekk jigi vjolat id-dritt taghhom ghall-privatezza. Tali prova mhux rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri u ma twasssalx ghall-prova li sehhet diskrikminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti.

Jigi rilevat li d-dokumenti in kwestjoni ma jistghux jigu klassifikati bhala "dokumenti privileggjati" ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap.12. Dan l-istess artikolu fl-ewwel lok jipprovdi li kull parti f'kawza tista titlob li jigu esibiti dokumenti jekk hu fl-interess ta' xi parti li dawn id-dokumenti jigu prodotti. In vista tal-premessi kif kontenuti fir-rikors promotur m'hemmx dubju li hu fl-interess tar-rikorrenti li d-dokumenti in kwestjoni jigu prodotti. Skond l-istess provedimenti ma tistax tintalab il-produzzjoni ta'dokumenti "privileggjati." Il-Qorti ma tarax li bil-

produzzjoni tad-dokumenti in kwestjoni ser tigi kagunata xi hsara lis-sigurta', lid-difiza jew lill-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta. Id-dokumenti in kwestjoni ma jistghux jitqiesu li huma dokumenti "tal-Kabinett." Lanqas ma jista jigikkunsidrat li l-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti jista b'xi mod imur kontra l-interess pubbliku.

Ir-rikorrenti, fir-rikors preomotur qed isostni li, fil-kors tal-imsemmija proceduri li ttiehdu kontra taghha, kemm mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll quddiem l-Awtorita' intimata gew lezi diversi drittijiet fundamentali taghha kif sanciti f'diversi artikoli kemm tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea, fost dawn id-drittijiet ir-rikorrenti tallega li gew kommessi fil-konfront taghha trattamenti diskriminatorji u dan b'mod partikolari mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

Jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova li gew kommessi fil-konfront taghha atti li ghandhom jigu konsidrati li huma diskriminatorji. Id-dritt li jipproteggi kontra d-diskriminazzjoni huwa trattat fil-Kostituzzjoni fl-artikolu 45. Dan l-artikolu jistabilixxi li "ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika." Il-kelma "diskriminatorju" hu mfisser, mill-istess artikolu, bhala "għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew principalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn."

Fil-kawza fl-ismijiert "Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru" deciza fil-31 ta' Mejju 1999 (Vol. LXXXIII.i.163) intqal li - "Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu ttrattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet

jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici, eccetera, tal-persuni) jew, (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat." (Vide ukoll "Il-Pulizija vs Dottor Joseph Muscat" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali tat-28 ta' Lulju 1989; "Avukat Dottor Tonio Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et" - deciza mill-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali fit-2 ta' Mejju 1984 kif ukoll "Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et.").

Sabiex jigi stabbilit jekk hemmx diskriminazzjoni ghandu jigi konsidrat jekk il-lanjant giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari condizione) gie ttrattat mod differenti. Fi kliem iehor, irid isir paragun bejn l-izvantaggat u l-ivvantaggat fuq terren ta' cirkostanzi pari (vide "Avukat Dottor Louis Galea nomine vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar 1990). Huwa dan li trid tipprova r-rikorrenti sabiex l-esitu ta' din l-azzjoni taghha, kif ibbazata fuq id-diskriminazzjoni, tkun success. Ir-rikorrenti trid tipprova li ufficjali ohra tal-Pulizija li kienu ffaccjati b'akkuzi ta' reati jew ta' disubbidjenza jew nuqqas ta' subordinazzjoni gew ittrattati b'mod differenti milli kif giet ittrattata hi. Trid tipprova li dan sehh minhabba xi wahda mis-segwenti u cioe' minhabba r-razza taghha, il-post ta' oriġini taghha, minhabba l-opinjonijiet politici taghha jew minhabba l-kulur, il-fidi jew is-sess taghha.

Jirriuzulta li finalment ir-rikorrenti tkecciet mill-Korp tal-Pulizija. Mhux korrett l-intimat Kummissarju tal-Pulizija meta jissottometti li biex jigi ipprovat it-trattament diskriminatorju ghandu jirrizulta li hi haga normali li ufficjali fil-korp tal-Pulizija li kkommetta l-istess tip ta' reati u infrazzjonijiet dixxiplinari li r-rikorrenti nstabet li kkommettiet effettivament jinzammu bhala membri attivi fil-Korp tal-Pulizija. Ma hemmx ghalfejn li jigi ppruvat ghal finijiet tal-paragun li ghandu jsir li l-ufficjali l-ohra kienu

akkuzati bl-istess reati u infrazzjonijiet. Hu bizzejjed li jigi pruvat li dawn l-ufficjali l-ohra kienu akkuzati b'xi reat jew infrazzjoni u li l-istess ufficjali gew trattati b'mod differenti. Ovvjament trid tittiehed in konsiderazzjoni ukoll il-gravita' tar-reati in kwestjoni. Tali prova tista biss issir billi jigu prodotti l-files relattivi u jigu prodotti ukoll l-ufficjali l-ohra involuti. Ghalhekk lanqas ma jista jinghad li l-iskop tar-rikorrenti li tipproduci dawn il-provi hu unikament biex jigu imbarazzati u vessati l-istess ufficjali. M'hemmx ebda vjolazzjoni tal-privatezza tal-istess ufficjali u hu zgur li tali provi huma rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri.

Inoltre ma jirrizulta xejn li jista jkun ta' ostakolu sabiex jigi prodott il-file relattiv ghar-rikorrenti dwar il-proceduri li ttiehdu kontra taghha quddiem l-Awtorita intimata. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-provedimenti tal-artikolu 10 tar-Regolament realattivi ghall-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-artikolu 637 tal-Kap.12.

In vista ta' dak kollu li gie premess it-talba tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fir-rikors "de quo" jisthoqqilha li tigi rigettata. Inoltre l-Awtorita intimata hi obbligata li tipproduci l-imsemmi file relattiv ghar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talba tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fir-rikors tieghu tat-18 ta' Marzu 2010 u tordna li l-Awtorita intimata ghandha tesibixxi l-file relattiv ghall-proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrenti quddiem l-istess Awtorita.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------